MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Numru 984/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs.**

**Natalie Spiteri**

**Illum 3 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Natalie Spiteri ta' 19 sena, bint George u Pauline nee` Xuereb, imwielda Pieta` fil-25 ta' Dicembru 1984, residenti f'47, Triq San Publju, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 62785(M) giet akkuzata:

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar tas-sena 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprjat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` hadet u zammet ghandha flus ta' John Muscat proprjetarju tal-fond kummercjali Breadmill Bakery and Confectionery f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar, li jeccedu l-elf lira Maltin, liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha;

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingannat jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' John Muscat proprjetarju tal-fond kummercjali Breadmill Bakery and Confectionery f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar.

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement issoprimiet it-tracci jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri jekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310 (1)(a) u 111 (2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Natalie Spiteri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-eta` tenera tal-imputata u l-fedina penali netta tal-istess imputata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Natalie Spiteri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputata Natalie Spiteri tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda timponi fuq l-imputata Natalie Spiteri interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputata isservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin mil-lum.

In kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza, tichad it-talba.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputata Natalie Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------